31996D0540

L 230/28 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 11.9.1996

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l- 4 ta' Settembru 1996

dwar ħtiġiet tas-saħħa ta' l-annimali u Ċertifikazzjoni veterinarja għal importazzjonijiet fil-Komunità ta' *ova* u embrijoni ta' l-ispeċi ekwina

(Test b'rilevanza għall-Ftehim EE)

(96/540/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992, li tippreskrivi l-ħtiġiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ fi u importazzjonijiet fil-Komunità ta' annimali, sperma, ova u embrijoni mhux suġġetti għal ħtiġiet tas-saħħa ta' l-annimali preskritti f'regoli speċifiċi tal-Komunità msemmija fl-Anness A (I) li jinsab mad-Direttiva 90/425/KEE [1], kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/176/KE [2], u b'mod partikolari l-Artikoli 17 u 18 tagħha,

Billi bid-Deċiżjoni Nru 94/63/KE [3] il-Kummissjoni]ejjiet lista proviżorja ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjonijiet ta' sperma, ova u embrijoni ta' l-ispeċi ovina, kaprina u ekwina, ova u embrijoni ta' l-ispeċi tal-majjali;

Billi fl-Anness D li jinsab mad-Direttiva 92/65/KEE il-Kunsill ippreskriva kondizzjonijiet sanitarji għall-ġbir, ħażna ta' l-ipproċessar u trasport ta' ova u embrijoni u kondizzjonijiet ta' saħħa applikati għad-dwieb donatriċi; billi, iżda, għal importazzjonijiet fil-Komunità ta' ova, embrijoni ta' l-ispeċi ekwina huwa neċessarju li jiġu meħtieġa garanziji addizzjonali b'mod partikolari fir-rigward tas-sorveljanza veterinarja uffiċjali tal-gruppi ta' ġbir;

Billi l-ħtiġiet tas-saħħa ta' l-annimali għal importazzjonijiet ta' ova u embrijoni ta' l-ispeċi ekwina għandhom jagħtu kont tal-kundizzjonijiet differenti li taħthom l-ova u embrijoni jkunu ġew miġbura, ipproċessati u maħżuna jew ta' kif l-embrijoni jkunu ġew prodotti;

Billi ċertu mard infettuż ta' *equidae* jiġi trasmess permezz ta' ova u embrijoni; billi għalhekk testijiet speċifiċi tas-saħħa ta' l-annimal huma meħtieġa sabiex jidentifikaw mard bħal dak li għandhom isiru qabel il-ġbir ta' l-ova u embrijoni;

Billi l-miżuri li għalihom tipprovdi din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Istati Membri g]andhom jawtorizzaw l-importazzjonijiet ta' ova u embrijoni ta' l-ispeì ekwina li jikkonformaw mal-ħtiġiet preskritti fil-kampjun taċ-ċertifikat tas-saħħa ta' l-annimali fl-Anness u akkompanjati b'ċertifikat bħal dak mimli kif imiss.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Ottubru 1996.

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussel, fl-4 ta' Settembru 1996.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 268, ta' l-14.9.1992, p. 54.
[2] ĠU L 117, ta' l-24.5.1995, p. 23.
[3] ĠU L 28, tat-2.2.1994, p. 47.

L-ANNESS

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TA' L-ANNIMALI

għall-importazzjoni ta' *ova* u embrijuni ta' l-ispeċi ekwina

<table>
<tr><td>1. Min jikkonsenja (isem u indirizz sħiħ)</td><td colspan="2">ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TA' L-ANNIMALI

Nru ORIĠINALI</td></tr>
<tr><td rowspan="2"></td><td colspan="2">2. Pajjiż terz tal-ġbir</td></tr>
<tr><td>3. Destinatarju (isem u indirizz sħiħ)</td><td colspan="2">4. L-awtorità kompetenti</td></tr>
<tr><td>*Noti*
a) Ċertifikat separat għandu jinħareġ għal kull kunsinna ta' *oval* embrijuni</td><td colspan="2">5. L-awtorità kompetenti lokali</td></tr>
<tr><td>6. Post tat-tagħbija</td><td colspan="2">7. Isem u indirizz tat-tim tal-ġbir</td></tr>
<tr><td>8. Mezzi tat-trasport</td><td colspan="2" rowspan="2"></td></tr>
<tr><td>9. Post u Stat Membru destinatarju</td></tr>
<tr><td rowspan="2"></td><td colspan="2">10. In-numru ta' reġistrazzjoni tat-tim tal-ġbir</td></tr>
<tr><td>11. Numru u marka tal-kodiċi tal-*containers*</td><td colspan="2"></td></tr>
<tr><td colspan="3">12. Identifikazzjoni tal-kunsinna (*ova* / embrijuni) (1)</td></tr>
<tr><td>12.1. Numru tal-*containers*</td><td>12.3. Speċi</td><td rowspan="2">12.5. L-identità tad-donatur</td></tr>
<tr><td>12.2. Data/i tal-ġbir</td><td>12.4. Nisel</td></tr>
<tr><td colspan="3">(1) Ħassar kif xieraq</td></tr>
</table>

13. Jiena, l-veterinarju uffiċjali sottoskritt ta', ... ikteb l-isem tal-pajjiż esportatur) qrajt u jiena familjari mad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE kif emendata u niċċertifika li:

13.1.1. l-ova/embrijoni (1) deskritti hawn fuq ġew miġbura, proċessati u maħżuna minn grupp approvat mill-awtorità responsabbli mill-ġbir, proċessar u ħżin ta' ova jew embrijoni ta' ekwini u mqegħda taħt is-sorveljanza ġenerali u taħt l-awtorità tal-veterinarju uffiċjali li jispezzjona l-grupp, inklużi l-faċilitajiet assoċjati tal-laboratorju, għall-inqas darba fis-sena biex jikkonsidra u jivverifika l-kwistjonijiet kollha li jirrelataw ma' l-approvazzjoni u s-sorveljanza;

13.1.2. il-ġbir, l-ipproċessar, u l-ħżin ta' dawn l-ova/embrijoni (1) sar, jew minn grupp ta' veterinarji (1) jew taħt id-direzzjoni tiegħu minn tekniku wieħed jew aktar (1) li jkun(u) mħarreġ (mħarrġa) b'mod kompetenti mill-veterinarju nkarigat mill-grupp fil-metodi u t-teknika ta' l-iġjene;

13.1.3. l-ova/embrijoni (1) ġew miġbura f'post separat mill-partijiet l-ohra tal-bini jew azjenda li huwa f'kundizzjoni tajba ta' tiswija u li kien ġie mnaddaf u disinfettat qabel il-ġabra;

13.1.4. l-ova/embrijoni (1) kienu ġew eżaminati, pproċessati u ppakkjati f'faċilitajiet tal-laboratorju li ma jinstabux f'żona suġġetta għall-miżuri ta' projbizzjoni jew ta' kwarantina kif preskritt f'13.2., fit-taqsima li hija separata mit-taqsima għall-ħażna ta' l-apparat u l-materjali wżati f'kuntatt ma' l-annimali donaturi u miż-żona fejn l-annimali donaturi jiġu ttrattati;

13.1.5. ir-rekords kollha li jirrelataw ma' l-attivitajiet tal-grupp fir-rigward ta' dawn l-ova/embrijoni (1) għandhom jinżammu għal 12-il xahar wara d-dispaċċ tagħhom;

13.2. l-ova/embrijoni (1) ġew miġbura minn dwieb donaturi li:

13.2.1. kienu residenti kontinwament għal tlett xhur (jew minn meta daħlu jekk kienu ġew importati direttament minn Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea matul il-perjodu ta' tlett xhur) fit-territorju jew fil-ka ta' reġjonalizzazzjoni f'parti mit-territorju (1) tal-pajjiż ta' esportazzjoni li kien matul dak il-perjodu ħieles minn:

— mill-marda African horse, skond il-leġislazzjoni tal-Komunità,

— minn Venezuelan equine encephalomyelitis għal sentejn,

— minn glanders għal sitt xhur,

— minn dourine għal sitt xhur;

13.2.2. jew oriġinaw minn pajjiż ta' esportazzjoni li kien fil-jum tal-ġabra ħieles minn vesicular stomatitis għal sitt xhur (1)

jew

ġew ittestjati b'test ta' newtralizazzjoni ta' virus għal vesicular stomatitis fuq kampjun ta' demm meħud fi

..... (2) fi żmien 30 jum qabel il-ġbir, b'riżultat negattiv fid-dilwizzjoni tas-serum ta' 1 fi 12 (1);

13.2.3. matul l-aħhar 30 jum qabel il-ġbir ġew imqegħda f'azjendi taħt sorveljanza veterinarja li kienu fil-jum tal-ġbir ta' ova/embrijoni (1) sad-data tad-dispaċċ tagħhom (1),

jew

fil-każ ta' ova/embrijoni ffriżati (1) sakemm ikun għadda l-perjodu ta' 30 jum ta' ħżin obbligatorju f'bini approvat mhux suġġett għall-ordni ta' projbizzjoni għal raġunijiet ta' saħħa ta' l-annimali li ppreskriva waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

13.2.3.1. Jekk mhux l-annimali kollha ta' speċi suxxettibbli għall-marda fl-azjenda ġew maqtula, il-projbizzjoni damet għal:

— sitt xhur, li jibdew jgħoddu mill-jum li fih inqatel l-ekwide li kien isofri mill-marda, fil-każ ta' encephalomyelitis ta' l-ekwide,

— perjodu meħtieġ sabiex jitwettqu b'riżultat negattiv, żewġ testijiet ta' Coggins b'perjodu ta' tlett xhur bejnithom fuq l-annimali li jibqgħu wara li jkunu ġew maqtula l-annimali nfettati, fil-każ ta' anemija nfettuża ta' l-ekwini,

— sitt xhur, fil-każ ta' vesicular stomatitis,

— xahar mill-aħhar każ irrekordjat, fil-każ ta' rabies,

— il jum mill-aħhar każ irrekordjat, fil-każ ta' anthrax.

13.2.3.2. Jekk l-annimali kollha ta' speċi suxxettibbli għall-marda li jkunu jinsabu f-azjenda jkunu ġew maqtula u l-bini jkun ġie disinfettat, il-projbizzjoni li tkun damet 30 jum, jew 15-il jum fil-każ ta' *anthrax*, li jibdew fl-ewwel jum li fih wara l-qerda ta' l-annimali, jkun intemm b'mod sodisfaċjenti l-idisinfettar tal-bini.

13.2.4. nżammu qabel il-ġbir f'azjendi hielsa minn sinjali kliniċi ta' *metritis* li tittieħed ta' ekwini għal 60 jum,

13.2.5. kienu soġġetti għat-testijiet ta' saħħa li ġejjin:

13.2.5.1. test ta' agargel- immunodiffusion (test Coggins) għal anaemia infettuża ta' l-ekwini mwettaq b'riżultat negattiv fuq il-kampjun ta' demm meħud fi ..... (2) matul l-aħħar 30 jum qabel il-ġbir;

13.2.5.2. test għal metritis li tittieħed ta' l-ekwini mwettaq b'iżolament ta' Taylorella equigenitalis f'żewġ okkażjonijiet b'interval ta' sebat ijiem minn kampjuni ta' materjal ġenitali nfettat meħuda għallinqas mill-clitorial fossa u l-clitorial sinuses fi ..... (2) u fi ..... (2) u għallinqas f'okkażjoni waħda minn kampjuni ta' materjal infettat mill-endometrium matul oestrus bikrija fi.. ..... (2) matul 30 jum qabel il-ġbir ta' l-ova/embrijoni (1);

13.2.6. ma ġewx użati għal tnissil naturali matul il-perjodu ta' 30 jum qabel il-ġbir;

13.2.7. sa fejn naf jien naf u sakemm nista' niċċertifika jien, ma ġewx f'kuntatt ma' ekwide li jsofru minn marda infettuża jew li tittieħed matul il-15-il jum li jiġu minnufih qabel il-ġbir;

13.2.8. fil-jum tal-ġbir ma urewx sinjali kliniċi ta' mard infettuż jew li jittieħed;

13.3. l-isperma wżata għall-inseminazzjoni artifiċjali tad-dwieb donaturi jikkonforma mal-ħtiġiet tad-Direttiva 92/65/KEE (3);

13.4. l-ova wżati ġ]all-produzzjoni in vivo ta' embrijoni jikkonformaw mal-ħtiġiet tad-Direttiva 92/65/KEE u b'mod partikolari l-ħtiġiet preskritti f'13.1. u 13.2. ta' dan iċ-Ċertifikat (1);

13.5. l-ova/embrijoni (1) ġew miġbura, pproċessati u maħżuna skond il-ħtiġiet ta' l-Anness D li jinsab mad-Direttiva 92/65/KEE u:

13.5.1. ma ġewx f'kuntatt ma' ova jew embrijoni oħra li ma jissodisfawx il-ħtiġiet ta' Direttiva 92/65/KEE,

13.5.2. prodotti ta' oriġini mill-annimal matul il-ġbir u l-ipproċessar taghhom u fil-mezz ta' trasport ġew miksuba minn sorsi li ma jippresentaw l-ebda riskju għat-tixrid ta' mard li jittieħed jew infettuż ta' ekwide jew speċi oħra, jew li kienu ġew ittrattati qabel l-użu sabiex riskju bħal dan ta' tixrid ma jithalliex,

13.5.3. iż-żona pellucida ġiet eżaminata wara l-ħasil tal-wiċċ kollu taghha b'ingrandiment ta' mill-inqas 50 u ġie ppruvat li kienet intatta u ħielsa minn materjal aderenti,

13.5.4. l-ova/embrijoni (1) ġew iffriżati fl-alkohol (1) jew nitroġenu likwidu frisk (1) bla telf ta' żmien, (1)

13.6. l-ova/embrijoni (1) ġew maħżuna f'temperatura adattata f'bini approvat bl-użu ta' aġent krijoġeniku li ma kienx intuża qabel għal prodotti oħra ta' oriġini mill-annimal,

13.7. l-ova/embrijoni (1) għandhom jintbaghtu f'kontenituri skond l-Anness D li jinsab mad-Direttiva 92/65/KEE;

Maghmula fi ....., nhar .....

Timbru (4)

.....
(Firma tal-veterinarju uffiċjali)

.....
(Isem u kwalifiki b'ittri kbar)

(1) ħassar skond kif xieraq.
(2) Ikteb id-data.
(3) Ma japplikax għal ova.
(4) Il-firma u t-timbru ġ]andhom ikunu b'kulur differenti minn dak ta' l-istampar.